# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **19 TA' NOVEMBRU 2017**

***Cake Sale***

Mingħand iż-żgħażagħ tagħna tistgħu tixtru *cakes* u pasti li għamlu huma stess minn fuq iz-zuntier.

**Quddiesa għaż-żgħażagħ**

Il-Ħadd 19 ta' Novembru 2017 fit-8:00pm issir quddiesa għaż-żgħażagħ fil-Kappella tal-Madonna tar-Rużarju, fil-Villa Apap Bologna.

**Lectio Divina**

It-Tlieta 21 ta' Novembru 2017 fis-6:30pm ikollna l-Lectio Divina fis-Sala Sant'Anna u nispiċċaw fis-7:30pm. Inħeġġiġkom sabiex iġibu magħkom il-Bibbja.

***Coffee Morning***

Il-Ħamis 23 ta' Novembru 2017 fid-9.30am ser norganizzaw *Coffee Morning* fis-Sala Sant'Anna. Biljetti mis-Sagristija jew mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Healing Service minn Dr. John Bonnici Mallia**

Il-Ġimgħa 24 ta' Novembru 2017 fis-7:30pm fil-Knisja Parrokkjali jibda Healing Service immexxi minn Dr. John Bonnici Mallia.

**L-Assemblea Djoċesana**

Il-Ġimgħa 24 u s-Sibt 25 ta' Novembru 2017 ser tiltaqa' l-Assemblea Djoċesana bit-tema 'L-Evanġelizzazzjoni u d-Djakonija. Lejn Pjan Pastorali għall-Arċidjoċesi'. F'din l-Assemblea flimkien mal-Arċisqof, jiltaqgħu rappreżentanti tal-oqsma differenti tal-Knisja f'Malta.

**Festa ta' Kristu Re**

Il-Ħadd 26 ta' Novembru 2017 hija l-festa ta' Kristu Re. Fid-Djoċesi ta' Malta ser tiġi ċċelebrata fil-Knisja Parrokkjali ta' Santa Venera. Fil-5:00pm tibda t-talba tal-Għasar minn Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna. Fl-3:45pm nitilqgħu minn quddiem is-Sala Sant'Anna. Min jixtieq jitla' magħna bit-trasport jikteb ismu fis-sagristija sa nhar l-Erbgħa 22 ta' Novembru 2017.

**Għeluq is-Sena Liturġika**

Il-Ħadd 26 ta' Novembru 2017 fil-festa ta' Kristu Re tintemm is-Sena Liturġika tal-Knisja Kattolika. Bħala Parroċċa, fit-tmiem tas-Sena Liturġika nħeġġiġkom sabiex fil-prattika nkunu ġenerużi billi nġibu xi ħaġa tal-ikel fil-qfief apposta fil-knisja quddiem l-ambone b'risq id-Dar Frate Jacoba li qed taqdi l-missjoni tagħha fil-parroċċa tagħna billi toffri mħabba u kenn għal ħutna żgħażagħ li jsibu ruħhom fit-tarf tas-soċjetà. L-oġġetti li ser niġbru nagħtuhom lil din il-komunità nhar il-Ħadd 26 ta' Novembru 2017 fil-quddiesa tad-9:15am li ser titmexxa minn Fr Ray Scicluna OFM, saċerdot fi ħdan din il-komunità.

**Laqgħa għall-ġenituri li wliedhom ser jirċievu s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof**

Il-Ħamis 30 ta' Novembru 2017 fis-7.15pm laqgħa għall-ġenituri li wliedhom ser jirċievu s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof fil-Knisja Parrokkjali.

***Weekend* Irtir għall-Adolexxenti u ż-Żgħażagħ**

Mill-Ġimgħa 1 sal-Ħadd 3 ta' Diċembru 2017 qed jiġi organizzat *weekend* irtir fis-Seminarju tal-Arċisqof, ir-Rabat, għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ bi tħejjija għall-Avvent li huwa vjaġġ li jwassalna għat-tama tagħna li huwa Ġesù. Minn huwa interessat ikellem lil xi ħadd minna s-saċerdoti.

**Ikla tal-Milied**

Il-Ġimgħa 15 ta' Diċembru 2017 bħala Parroċċa ser norganizzaw l-ikla tal-Milied fis-Sorreda Hotel, il-Qawra. Fit-7:45pm nitilqgħu minn quddiem is-Sala Sant'Anna.

***New Year's Eve Party***

Il-Ħadd 31 ta' Diċembru 2016 wara l-quddiesa tat-8:00pm ser norganizzaw New Year's Eve Party fis-Sala Sant'Anna. Inħeġġukom sabiex iżommu dawn id-dati liberi sabiex tattendu u biljetti jinxtraw mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Pellegrinaġġ għall-Art Imqaddsa**

Il-parroċċa ser torganizza Pellegrinaġġ għall-Art Imqaddsa flimkien mal-parroċċa ta' Ħaż-Żabbar bejn is-26 ta' Jannar 2018 u l-4 ta' Frar 2018. Dettalji tal-programm jinkisbu mis-sagristija.

**Bazaar**

Fis-Sala San Ġwakkin qed jitella' l-Bazaar tal-Parroċċa. Inħeġġiġkom sabiex tagħtu titwila u b'hekk tkunu qed tgħinu lill-Parroċċa.